*gordi, u kànkal ghagha ta ferħ f'chemm nies chien hemm, u saħħar il cullhadd*).

*(Jissocta)*

(*Maklub bil Malti minn*
DUN GIUŻEPP FARRUGIA,
(*Cappillan ta li Sptar Connaught*).

## TŬEGIBA GHAL L-ITTRA MIFTUĦA TAS-SUR "SITIO".

Sur "Sitio",

Jecc tifli tajjeb chelmiet b'żeŭġ taksimiet u bl-accent fuk l-eŭŭel taksima, bħal ma huma; *kábad, hàrbat, dífer, kábel*, meta għandhom pronomi mehmużin magħhom, għandec issib li daŭc il-chelmiet ma' xi pronomi jitilfu l-vocali tat-tieni taksima, u ma' xi pronomi oħrajn mux biss li jżommuha, imma ucoll jitfgħu fukha l-accent. Ara: *kabdec, kabdu, ħarbtec, ħarbtu, kabli, kablec, kablu, difri, difrec djfru*, fejn l-aħħar vocali tal-verb, nom jeŭ preposizzion li tcun, tintilef. Ara ucoll: *kabàdni, kabàdna, kabàdcom, ħarbàtni, ħarbàtna, ħarbatcom, kabìlna, kabìlcom, difìrna, difìrcom*, fejn l-aħħar vocali tal-verb, nom jeŭ preposizzion li tcun, tkaddem għal fukha l-accent.

Issa dan collu ma jcunx ta' b'xejn. Għal xi ħaġa jcun sar. Naraŭ x'jista' jcun. Hi ħaġa sgura li l-pronomi mehmużin *-ni, -na, -com* jibdeŭ b'ittra consonanti u li l-vocali tat-tieni taksima ta' *kábad; ħàrbat, kábel, dífer*, kaddmet għal fukha l-accent mal-hmiż ta' cull ŭaħda minnhom it-tlieta. Fejn inbagħad hmiżna pronomi oħra, insibu li dic il-vocali tat-tieni taksima għabet: u daŭc il-pronomi, sa fejn ŭieħed jista' jifhem, ma jibdeŭx b'consonanti, għax huma *-i, -ec, -u*.

Dan collu jhejlilna għal regula li tigi tgħid hecc: *it-tieni vocali bla accent ta' chelma (verb, nom jeŭ preposizzion) li tcun tispiċċa b'consonanti*, TGĦIB *jecc ma' tarf dic il-chelma tigi tmiss* VOCALI; U TIEĦU L-ACCENT FUKHA *jecc ma' tarf l-istess chelma tigi tmiss* CONSONANTI.

U din ir-regula hemm xi jŭettakha. Hemm jigifieri:—

1) li t-tieni vocali, li semmejna, tgħib mux biss mita jinhemżu l-pronomi *-i, -ec, -u*, li sa chemm ma għandniex provi oħra, jista' lil dac li jcun jidħollu d-dubju jecc hux tasseŭ li jinchitbu hecc, inchella *-hi, -hec, -hu*; imma ucoll (a) fil-gens mara ta' l-omma tal-verbi, li jsir biż-żieda ta' l-ittra *t*, li ma' chelma li tispiċċa b'consonanti, tieħu vocali kbilha. Ara: *kabdet, xorbot, ħarbtet* imkassrin minn *kábadet, xórobot, ħàrbatet*, billi ntilfet it-tieni vocali ta' l-omma; (b) maż-żieda ta' *-i-*, li tiddeffes bejn il-verb u il-pronom dattiv. Ara *ħátaf, jáftaf* li jagħmel *ħatfìlna, ħatfìlocm, jaħtfìlna, jaħtfìlcom*; (c) maż-żieda ta' *u-* bħala plural. Ara (hu) *ħataf*, (huma) *ħatfu*: (hu) *karben*, (huma) *karbnu*, mkassrin minn *ħátafu, kàrbenu*.

2) li l-malti ma jagħdirx fih chelmiet b'żeŭġ taksimiet ŭara dic ta' l-aceent fukha. Ara: *ùtile, pòpolo, canònico*, li mita jgħaddu għall malti jixxellfu mit-tieni vocali u isiru *utli, poplu, canoncu*. Ara ŭcoll: *io càlcolo* li l-malti jkaddmilha l-accent u jagħmilha *niccalcùla*. U għalhecc inkas ma jaħmel fih, ngħidu aħna: *kábadu, kábadec, kábeli, kábelec, kábelu, ħàrbatu, ħàrbatec, díferu, déferi, díferec, kábadni, kábadna, kabadcom, kábilna, kábilcom, dìfirna, dìfircom, ħàrbatna, ħàrbatcom, ħàrbatni*, b'żeŭġ taksimiet ŭara dic ta' l-accent fukha, chif icunu sejrin jiġuħ bil-hmiż tal-pronomi; u allura bħal ma jagħmel ma' cliem taljan, jagħmel ma' cliem malti: jigifieri, fejn jista', jakla' barra t-tieni vocali u jgħid: *kabdu, kabdec, kabli, kablec, kabtu, difri, difrec, difru*, u fejn tigih jiebsa biex jaklagħha barra, jitfa' fukha l-accent u jgħid: *kabàbni, kabàdna, kabàdcom, kabìlna, kabìlcom, difìrna, difìrcom, ħarbàtni, ħarbàtna, ħarbàtcom*, u hecc jeŭ b'mod jeŭ b'ieħor il-chelma igibha b'taksima ŭaħda ŭara dic ta' l-accent.

Issa mita nafu dan collu, liema ortografija nagħżlu bħala tajba? dic, ngħidu aħna, ta' *ħatafa, ħatafom, karbina, karbinom, kabila, kabilom. difira, difirom*, jeŭ dic ta' *ħatafha, ħatafhom, karbinha, karbinhom, kabilha, kabilhom, difirha, difirhom?* L-accent imkaddem għal fuk it-tieni taksima ma hux sinjal li ma' tarf il-verb, nom jeŭ preposizzion giet tmiss consunanti, li bħala ittra, li ma tistamax, ma tistax tcun ħlief il-*h*? Tarġa', chiecu ma' tarf chelmiet bħal *kábad, ħàrbat, dífer, kábel*, jiġu jinhemżu *-a, -om* u mux *-ha, -hom*, xi jżommu lill malti li ma jaklax barra lit-tieni vocali u jgħid: *kabda, kabdom, ħarbta, ħarbtom, difra, difrom*, bħal ma jaf jaklagħha barra mita jehmeż il-pronomi *-i, -ec, -u*, fejn igħid: *kabdu, kabdec, ħarbtu, ħarbtec, difri. difru, difree, kabli, kablu, kablec?* Mux vocali ŭcoll tcun giet tmiss ma' tarf il-chelma? U ħaġ'oħra: nagħmlu li mita nictbu *kabàda, kabàdom, ħarbàta. ħarbàtom, kabìla, kabìlom, difìra, difìrom*, incunu nictbu seŭŭa, b'mod li l-malti jigi jħaddem l-accent għal fuk it-tieni vocali, avvolja mal-chelma tcun giet tmiss vocali. Allura għaliex ma jagħmilx ucoll hecc mal-hmiż ta' *i,-ec,-u*, fejn mal-chelma tigi ucoll tmiss vocali? Għaliex, jigifieri, ma jgħidx: *kabàdu, kabàdec, kabìli, kabìlec, kabìlu, difìri, difìrec, difìru, ħarbàtu, ħarbàtec*, jigifieri *bl-accent imkaddem għal* fuk it-tieni vocali?

Iżjed: Jecc tara xi jsir mil-verb mita jehmeż miegħu il-pronomi fid-dattiv, issib li ŭara l-aħħar consonanti tal-verb, fejn tidħol vocali, u fejn ma tidħolx. Ara: *ħatafli, ħataflec, ħataflu*, fejn ŭara l-aħħar consonanti ta' *ħataf* ma daħlet lebda vocali; u ara *ħatfilna, ħatfilcom*, fejn ŭara dic il-consonanti daħlet il-vocali *-i-*. Din il-vocali daħlet mita l-ittra *l* (li bħala liquida li hi ma titħaxchinx bejn żeŭġ consonanti) ħasset ŭarajha consonanti, u ma daħlitx...mita l-ittra *l* ma ħassitx ŭarajha consonanti.

*(Jissocta)* G. VASSALLO.

## Ma dûarna.

Inħabbru li, m'il-lum il kuddiem, icollna cull darba *Minn gimgha għal oħra* ta chittieb tajjeb, li jiffirma *Il Ħabbàr* u jati ŭara xulxin, scond id-dati taħħom, l'aħbarijet tal Pajjiż. Għal hecc aħna biddilna l'isem ta *Ma dûar il Gżira* f'dac ta *Ma dûarna*, għax fiħ nitchellmu biss fuk l'affarijet tad-Direzzjoni. Tifhmu aħjar din id-differenza biż-żmien: u taraŭ li it-tibdila togħġobcom, għax biha icollcom l'aħbarijet ta cull ma jiġri Malta ma tûl il gimgha. Frattant, niżżuħajr lill Chittieb li daħal għal din il biċċa xoghol ġdida u mixtieka minn ħafna karrejja tal *Ħabib*.

—In-*Necroloġija* tal Canôncu Dalli Alla, jatiħ il Genna, xtakna ngibuha il gimgha l'oħra: imma ŭaslitilna tard ŭisk, għad li conna nafu li chellha tigi. Chiecu ma chienx dan, conna nagħmlu ŭaħda aħna, għax il Canôncu Dalli, Sacerdot scond il kalb t'Alla, għandu il jedd li jigi mfaccar lill karrejja tal *Ħabib*, biex jitolbu bil ħrara collha għall mistrieħ ta ruħu. Natu il għomor lill Professur Anġlu Dalli, ħu il Canôncu u ħabib għażiż tagħna.

— Il *Crucifiss* li semmejna il gimgha l'oħra, chif kalilna ŭieħed mil Chittieba tagħna li raħ b'għajnejh, hu *tal injam collu*, antic u devôt ŭisk. Min jirriscattaħ, icun għamel rebħa sabiħa.

— Niżżu-ħajr, b'kalbna collha, lis-sur Albertu Camilleri, li għogbu jibgħatilna id-DISCORS BIT-TALJAN fuk l'*Eŭcarestjia għajn tal imħabba*, li għamel fiċ-Circlu tal *Unjoni Cattolica*, kuddiem żeŭġ Iskfijet taljani u bosta letterati, Maltin u frustieri, fid-29 t'april li għadda. Is-Sur Camilleri, barra milli jicseb tajjeb nett il lingŭa taljana u għandu ħabta cbira għall Cunferenzi, jicteb dejjem bi ħsiebijet għôlja u sbieħ: u għal hecc xejn ma stagħgibna mita krajna dan id-DISCORS ta ġmiel li isaħħar fin-nisġa tiegħu. Nifirħulu u niżżuħ-ħajr ucoll tannofs siegha sabiħa u ta fejda li għaddielna bil ctieb tiegħu f'idejna.

—Ir-*Risposta* lil dac il *Ħabib Sincier* kiegħda fl'articlu ta *S.C.Ż.*, li, bħalma ħabbarna il gimgha l'oħra, ġranet kabel id-deħra tal *Ħabib Sincier*, hu Sacerdot mill'aħjar għal-collox. Ma dan collu, cull-ħadd jaf min hu *S. C. Z.*, għax chiteb actar minn darba fil *Ħabib* b'ismu sħiħ: u, b'dan l'articlu tiegħu li, narġgħu ngħidu, ilu mħabbar minn kabel id-deħra tal *Ħabib Sincier*, m'hemmx bżonn ta *Risposta* oħra. Ngħidulu biss li is-*Sincerità* tiegħu ticconsisti filli irid inassasna ma cull-ħadd, f'li stess ŭakt li qŭasi igħid collox bħalna: imm'aħna, hi x'in hi il mira tiegħu privata, ma narfgħux ħsiebu iżjed u nibkgħu miexjin dritt bil fehma tagħna. Fil klub jakra Alla: minn għalina, actar jtsta' icun li nitilku il *Ħabib* mn'idejna, jeŭ li ngħidu chelma biex inżeghlu bil partiti, fejn tidħol il kima tar-Religjon imkaddsa tagħna, li għandha tant għedeŭŭa ma dûarha. Chiecu *cull-ħadd* jagħmel dmiru u jitchellem *sincier* bħalna, il *fanatici* ucoll jitrażżnu. Imma nitolbu ll'Alla jilliberana mis-*sincerità* ta dac li *taparsi ma riedx isemmi il panigircu* u ftit actar l'isfel *taparsi feraħ biddevozzjoni ta certi nisa*.

—Is-Sur GIANNI SAPIANO-LANZON bagħtilna il *Ħames Cant tal Infern ta Dante Alighieri*, maklub minnu bil Malti, poeżija, collha versi *qŭinari doppji*: xogħol kalil u tar-rekka, li irnexxielu tajjeb ħafna. Għoġbuna ucoll in-*Noti* li fiħ ŭara, b'tifsir tiegħu, l'actar fejn imiss li *Storja*. Is-Sur Sapiano-Lanzon, li jicteb tajjeb bil Malti u għandu bosta xogħlijet tiegħu, fost l'oħrajn il *Prosodija*, chien kaleb bil Malti l'*Infern* collu ta Dante: u dan ifisser li hu ilu iħabbat rasu miegħu u chellu l'occażjoni biex jiflieħ tajjeb: imma dac ix-xogħol chien *prosa*, mentri li issa il *Ħames Cant* hu *poeżija*. Aħna, li nafu seŭŭa chemm hi cbira ir-rekka ta dac l'Aŭtur, krajna bil pjacir collu ix-xogħol tas-Sur Sapjan: u għal-hecc nifirħulu b'kalbna collha, fil ŭakt li nirriccmandaŭħ lill Karrejja tagħna. Ikun ftit u jisŭa ħafna.

—Mal ittra tal Canada li tidħer illum, gietna oħra: u minn dac il ftit li stajna nifhmu, naħsbu li hi tal impurtanza: imma tant hi mictuba ħażin, li ma nistgħux nakraŭha. Urejniha lil xi ħbieb imħarrġin fil kari tal carattru mgħarrak: u ħadd ma sata' jifhem actar minn'na. Dnub, ja ħasra!

—Frattant, l'aħbarijet mil Canada m'humiex tajjba: jigifieri, issa kiegħdin igħidu li m'hemmx xogħol u li hemm ħafna Maltin kiegħda. Id-disgrazzja hi li, s'issa, chellna żeŭġ partiti, it-tnejn ħorox u stinati, il ŭieħed favur u l'ieħor contra l'Emigrazzjoni: żeŭġ partiti li chienu jitħabtu biex cull-ħadd juri li għandu ragjun hu: u b'dan ġara li bdeŭ inakksu il fidi f'xulxin, mentri ħafna nies telkuhom it-tnejn, gibdu għalihom u siefru. Bħalma jafu il karrejja tagħna collha, aħna gibna fil *Ħabib* articuli taż-żeŭġ leŭnijet, biex insemmgħu iż-żeŭġ kniepen: articuli mictubin minn nies seŭŭa u li jafu ferm il partita, bħalma huma fost l'oħrajn il Curunell Manchè u l'Avucat Mizzi (biex ma nokogħdux insemmu l'Ittri favur u contra li bagħtulna minn hemm): iżda katt ma urejna ruħna ta partit minnhom: u ta dan nirringrazzjaŭ ll'Alla.

—L'Onurabbli Ŭenzu Gatt, C.M.G.,P.A.A., Câp tax-Xoghlijet tal Gvern, gira ħafna mal Eŭropa u jaf li fl'ebda nitfa ta belt rispettabbli ma jichinsu it-torok fil ħin tal cummerċ tan-nies. Ghaliex, mela, jippermetti li, Birchircara, fit-8 ta fil ghodu, ħdejn li stazzjon tat-Tramm u tal Ferrovija, ŭakt l'actar passaġġ tal poplu, ħames chenniesa mifruxin mal ŭisa tat-triek collha isuku kuddiemhom muntanja trab, f'ŭiċċ in-nies? Ghax ma jichinsux dic it-triek bil lejl jeŭ fil ghodu cmieni, mas-sebħ, chif isir barra minn Malta? Ma dan collu, din biċċa li tmiss ucoll lill'Onurabbli Carŭana Scicluna, M.D., Câp tas-Sanità, ghax, barra mit-tcasbir tan-nies u tal vetturi, min jaf dac it-trab chemm eluf ta microbi itajjar mieghu fil ħluk u fl'imnifsejn!

—Illum, ħadu 'l Laŭrja, fil Cnisja tal Giżŭiti, tmintax l'Avucat u tnax il Tabib ġodda. Fost l'Avucati ħa il premju (170 lira) is-Sur Carlu Mallia B.L. u fost it-Tobba is-Sur Vassallo, pro-nipputi tal Professur Ġann-Anton, Alla jatiħ il Genna. Geŭ ucoll il-laŭrjati tnejn fit-Teologija: fosthom il Chiericu Enricu D'Andria, li ħa il premju. Nifirħulhom ilcoll u niżżu-ħajr lil daŭc li ghoġobhom jistiednuna: ma nsemmuhomx b'isimhom ghax huma ħafna.

—Niżżu-ħajr, ucoll lir-Reverendu Patri Piju tat-Tereżjani, li baghtilna l'eŭŭel numru tal *Bambin ta Praga*. Aħna diġà ħabbarnieħ u issa li rajnieħ b'ghajnejna narġghu nirriccmandaŭħ lill Karrejja taghna. Nilkghu bil ferħa il bidla tieghu mal *Habib*.

—Niżżu-ħajr, fl'aħħar nett, lid-Direttur tal *Messaggier Malti tal Kalb la Gesù*, li baghtilna in-numru ta aŭissu: numru, bħassoltu, mimli b'ħafna articoli sbieħ u ta fejda cbira.

—Nirringrazzjaŭ is-Sur Emmanuele Borg li, mistieden minn'na, ghoġbu jigi jitchellem maghna fuk l'ittra li chien chitbilna: u natuħ il chelma li il gimgha id-dieħla l'ittra tieghu ngibuha fil *Habib* mil ħŭejjeġ ta kuddiem: imma ghal din il gimgha ma nistghux nakduħ imħabba l'articoli li daħlulna fl'aħħar mumenti u li ma jistghux jibkghu ghal darb'oħra.

—Fuk il festa tat-tekghid tal eŭŭel gebla tal Campnar tal Birgu, nitchellmu darb'oħra.

## Minn gimgha ghal oħra.

*24 ta Lulju* — Ghandna f'idejna ittra ta ŭieħed minn daŭc li siefru l'aħħar ghall Canada. Ngibu minnha dan li gejj, ghax jisŭa ghall daŭc li ghandhom xi ħsieb li jitilkghu huma ucoll ghall dic l'art.

«.... ma sibniex dac ix-xogħol li ighidu, ghaliex ix-xogħol scars ŭisk ta collox. Aħna kbadna naħdmu u'x-xogħol m'hux ta colljum; s'issa ma sibtx post seŭŭa u bil mod issib postijet. Issa ser noħroġ il barra mil belt, ghaliex actarx ghandna post. Haŭn tithallas seŭŭa, ghaliex fejn jien kiegħed nakla' ghaxàr xelini colljum, imma tbati ferm, kiegħed naħdem bil fies, nakta' it-tafal. Kiegħed naħdem mis-sebagħ ta filghaxija sa nofs il-lejl u mis-siegħa sa's-sitta ta filghodu u bi-nhar rieked. Jecc tcunu tafu b'xi ħadd gejj haŭn il Canada ħassrulu ferm. Ghidu lill.... biex ma jitkankal xejn, ghaliex haŭn ħafna Maltin mkarkin. Mischin hu minn ghandu il familja u irid jibghatilhom xi flus! Ghall min hu ŭaħdu collox seŭŭa. Haŭn ħafna puliti ilhom kegħdin ħafna ...»

*25 ta Lulju* — L'Arciskof ta Cartaġni, Mons. Combes, u'l Cardinal Nava ta Catanja baghtu lil Capitlu tal Birgu ittra collŭieħed, mictuba minn idejjhom, flimchien mgħar-ritratt tagħhom, iroddulhom ħajr tal lakgħa li ghamlulhom u ifaħħru il festi li saru haŭn ghal Congress.

—Telku mgħal Carthage sittin emigrant ghal Canada u ħamsa ghal New York.

*26 ta Lulju* — Il Cumitat Esecutiv tal Congress bagħat lil Museŭ ta kuddiem San Gŭan il côn tal midalja, li saret b'tifchira tal Congress, flimchien magħ erba' midalji, ŭaħda ta deħeb, oħra tal fidda u tnejn tal alluminju; iżjed copja tat-tessera flimchien magħ midalja, milli giebu fuk sidirhom il Congressisti biex jintgħarfu, u tliet copji tal *vademecum*, bit-taljan, bl'inglis u bil francis, biex icunu hemm merfugħa u ifaccru dejjem, lil daŭc li jiġu ŭrajna, fil Congress Eŭcaristicu li sar haŭn.

—Ommijet,għajnejcom dejjem fuk iż-żgħar jecc ma tridux tagħlu. Araŭ x'ġara. Tifel ta sitt snin, Marsamxett, sab biċċa sufra b'labra tar-ras ġo fiha. Kegħda f'ħalku, chif inhuma mdorrijin jagħmlu it-tfal żgħar, u'l labra niżlitlu fi grieżmu. Tħabat chemm felaħ it-tabib biex igibhielu, imma ghalxejn, u ŭara ftit dac l'imsejchen tifel miet fgat, Il cadavru ħaduh mbagħad l'Isptar, ħalli jaraŭħ it-tobba u jatu *ir-rapport*, jeŭ xhieda, tagħhom lil Pulizija.

—Haŭn il-lejl, mgħal *Carola*,ŭasal il Gvernatur, li raġa' ħa' minnufiħ ir-riedni f'idejh, chif għarrafna b'*Proclama* tiegħu. Dac li chienu kalu, li mux gejj actar hu, chien mela collu klajja.

*28 ta Lulju* — Il Gvern jgħarraf, ghal finijet tal ligi, li il port ta Adalja, fl'Asia Minuri, m'hux actar magħdud li fih il mard tal colera.

—Is-sur Nin Vella u'i-sinjurina Ricarda Farrugia ghaddeŭ ghal surmast u majistra tal ischejjel tal Gvern, li chien żammhom sentejn f'culleggi l'Inghilterra. Nifirħulhom b'kalbna collha u Alla jgħaddihom il kuddiem

—Sar il ġuri ta Frangisc Mangion u ta Indrì Barbara, migjubin ħatjin, ŭieħed li katel fit-telfa tad-demm lil Frangisc Gatt, u l'ieħor li tajjar b'dakka ta ponn zeŭġ sinniet lil Ŭigi Mangion, missier l'eŭŭel ŭieħed. Il fatt ġara f'ħanut Hal Tarxien, l'aħħar ġurnata tal Carnival li ghadda, ghal ħabta tal ħdax ta bil-lejl. Il mejjet, chif kala' id-dakka ta sicchina, ŭaħħal f'Indrì Barbara li katlu; imma dan ma chellux armi fi żiemu. Tarġa mix-xhieda ħadd ma sata' jaħlef ghalih li rah jati id-dakka lil Frangisc Mangion, ghad li is-sicchina mċappsa bid-demm, li nsabet ŭara fl'art, chienet tiegħu u raŭhielu kabel f'idejh. Ghalhecc lil Frangisc Mangion bagħtuh il barra u l'Indrì Barbara ŭaħħluh disa' xhur prigjonija.

—Raġġħu l'ura sittin emigrant minn Lixandra u mil Canada għandhom jaslu bosta, chif ighidu, milli chienu marru hemm għaxxogħol. Għoxrin geŭ l'ura għax ma għaddeŭx mit-tabib.

*29 ta Lulju*—Il Cnisja ta San Dumincu, il belt, chixfu il eoppla tal Cappella ta Sant'Anna. Ix-xogħol tal iscultura, tal pittura u tal indoratura hu collu ta mgħallmin maltin, li ħakkhom tasseŭ min ifaħħarhom ghal ħila li ureŭ u'r-rekka li biha mexxeŭħ. Il coppla, ghal dac li hu taksim ta xogħol, tixbaħ f'collox lil oħra seħbitha, li chien chixef il Cardinal Lualdi ta Palermu, meta chien haŭn ghal Congress Eŭcaristicu.

*30 ta Lulju*—Fis-seduta, li saret illum, il Consill għadda il vot ta £500, li ntefku biex jitchixxfu jecc il British Columbia tistax tcun il pajjis ghal emigrazjoni tal Maltin, u Sir Clauson, ta ŭara il Gvernatur, dam ħafna jitchellem fuk il biċċa tal emigrazjoni.

—Il Gvern ftiehem mgħal Cumpanija l'Adrja, li, ŭara li jagħlak il cuntratt li għandu magħha, tibka' tieħodha u iggibha hi il posta, u jatiha ta coll vjaġġ £8, 8, 3; imma la hu u la hi ma jintrabtu ghal ictar minn xahrejn. Il vapur jibda jitlak minn haŭn fis-sitta ta filgħaxija nhar ta tnejn, it-tlieta u l'erbagħ, u fis-sagħtejn jeŭ it-tlieta ta ŭara nofs in-nhar il gimgħa.

—Is-Sur F.S. Fenech,li jokgħod il Hamrun, Sda. Reale 218, chiteb lil Prim Ministru tal Canada fuk l'emigrazjoni tal Maltin ghal dac il pajjis. Ŭiegbu il Ministru tal Intern u kallu: li, billi hemm nies tax-xoghol actar milli jinħtieġu, ma jaħsibx li ghal issa hu ta min iħajjar il Maltin biex jitilku ghal Canada. Hemm bżonn biss, żied kallu, bdieŭa u nisa sifturi, u kegħdin nagħmlu chemm nifilħu biex niġbdu l'haŭn minnhom.

*31 ta Lulju*—Fis-seduta tal Consill li saret illum, Sir Clauson, fid-discors li ghamel fuk li bi ħsiebu il Gvern jakta' it-traduzjonijet bl'inglis li isiru taċ-ċitazjonijet u ta carti oħra li jinbagħtu mil Korti, kal: li f'di'l biċċa il Gvern la iħares ghal dac li sejjrin ighidu daŭc li iridu li il lingŭa inglisa tcun il lingŭa tal Korti, jeŭ talankas li timxi haŭn pass ŭieħed mgħat-taljana, u ankas ghal dac li sejjrin ighidu daŭc li iridu jaraŭ sa l'iċċhen tifel ġol Krendi jakra, jicteb u jitchellem bit-taljan; imma ghal dac biss li hu l'actar mexxej u ħafif, jeŭ chif ighidu *prattícu*, ghal min ghandu x'jaksam ġol krati. Il *Gazzetta di Malta* f'da'l cliem tara l'eŭŭel pass tal Gvern ghal ftehim ta bejnu u ta bejn il poplu. Jalla!

IL HABBÀR.

## Chitbulna:—

Marsa
Jetties Warf No. 61.
29 Lulju 1913.

MALTIN, NIFTHU GHAJNEJNA!

Il kaŭl ighid «jecc ma'ssibx ħobż f'darec, kajla issibu f'dar ħaddieħor!» Il gvern ħanin tagħna jixtiek jara chif jagħmel biex ibigħeda minn art tŭelidna, xi nies cbar jaraŭ chif jagħmlulna il kalb biex jifirduna mill'għeżież tagħna, minn uliedna u mil maħbubin tagħna; u aħna ghomi, boloħ, b'għamad daks blata fuk ghajnejna, inħallu min jakbadna minn imneħirna, nagħmlu il ŭisa, imbattlulu mill'art tagħna u immorru niġġerreŭ f'art barranija, f'ŭiċċ ħaddieħor, incejjku mat-trikat b'idejna fuk żakkna! Jeŭ inchella biex nakilghu jaħtiġilna nbatu tbatija tal clieb!

Maltin, hemm bżonn li nifhmuha darba ghal dejjem, inkisuha seŭŭa kabel ma naktghuha; il cliem li ighidulna xi nies nidraŭ ngħarbluh u niżnuħ; m'hux cull min imellsilna, iridilna il gid!.. Nidħlu daħla issa fina infusna u naraŭ ftit jecc incunux nagħmlu seŭŭa meta inħallu l'art tagħna biex immorru infittxu il biċċa ħobż f'art barranija. Lè, lè u elf darba lè! Min tas-seŭŭa iħobbna u iridilna il gid katt ma riedna insiefru. Iridna insiefru min irid jeħles minn'na. Il gvern chif jidher jara chif jagħmel biex iħajjarna imparpru minn haŭn, min iħobbna ighidilna biex hecc ma nagħmlux; naraŭ, immela, bejna u bejn ruħna, liema hu l'aħjar li nagħmlu, nixtarru seŭŭa u bid-dheŭa collha dil biċċa ta rekka cbira. X'uħud minn daŭc il Cbar l'iħobbuna ħafna ħafna, tismaħhom ilabalbulec, «ma haŭn x'tagħmel xejn, haŭn ħafna nies, l'ichel irid icun u mnejn takilghu ma haŭnx.» Tajjeb ŭisk!... Jecc irid il gvern ighin palata, haŭn x'tagħmel ħafna, jecc haŭn ħafna nies, icun haŭn minn fejn ighixu u l'ichel isibu minn fejn jakilghuħ ucoll; basta il gvern u daŭc il Cbar l'iħobbuna icunu iridu jagħmlulna u iridulna il gid tas-seŭ.

Ilu ftit siefru minn Malta mat-tabib Mattej 70 ŭieħed, cull ŭieħed minnhom ħa mieghu mill' inkas 25 lira sterlina, li miġburin flimchien igibu 1750 lira! Issa b'1750 lira chiecu riedu ma setghux kabdu tarf ta x'industrija u ighixu bihom fi ħŭejjiġhom?.... B'1750 lira f'idejc iggib dakshom darbtejn.

